**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 27 ta` Marzu, 2018.**

**Talba Nru: 256/2017PA**

**Banif Bank (Malta) plc**
**vs**

**Richard Sciberras**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-22 ta` Mejju 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` erbat elef, seba' mija, tnejn u erbgħin Ewro, disgħa u erbgħin ċenteżmu (€4,742.49ċ), liema somma tinkludi tnejn u tletin Ewro, sebgħa u sittin ċenteżmu (€32.76ċ) imgħaxijiet maħduma sas-17 ta` Mejju 2017, dovuta bħala bilanċ fuq self (Business Loan) mogħti lill-konvenut skond ftehim ta` self datat 19 ta` Awissu 2015 fil-kont numru 295264.71.001. Is-soċjeta` attriċi ppremettiet li interpellat lill-konvenut diversi drabi biex iħallas, inkluż permezz ta` ittra legali tal-10 ta` Mejju 2016 u ittra uffiċjali numru 576/2017, pero` dan baqa' inadempjenti. Is-soċjeta` attriċi talbet ukoll l-ispejjeż legali, *bank charges u fees*, u l-imgħaxijiet bir-rata ta` 10.65% fis-sena mis-17 ta` Mejju 2017 sad-data tal-ħlas.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlas mitlub u dovut mill-konvenut (Dok. A, fol. 5); (ii) kuntratt ta` self

datat 19 ta` Awissu 2015 (Dok. B, fol. 6); (iii) ittra legali datata 10 ta` Mejju 2016 (Dok. C, fol. 10); (iv) ittra uffiċjali datata 21 ta` Marzu 2017 (Dok. D, fol. 11).

Ra li l-konvenut kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero` baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Sema' x-xieħda ta` **Alfred Ferrante**, *manager* fi ħdan il-*Credit Recoveries Unit* tal-bank atttur, li ddikjara li kkonferma l-veraċita` tal-kopja tal-ftehim datat 19 ta` Awissu 2015, u ddikjara li l-konvenut ma ħallas xejn mill-ammont dovut minnu fil-mori tal-kawża. Huwa kkonferma li l-konvenut baqagħlu jħallas lill-istess soċjeta` attriċi l-ammont mitlub b'din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` erbat elef, seba' mija, tnejn u erbgħin Ewro, disgħa u erbgħin ċenteżmu (€4,742.49ċ), bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra legali tal-10 ta` Mejju 2016 u tal-ittra uffiċjali tas-17 ta` Marzu 2017, u bl-imgħaxijiet kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**